# Gwida għall-Pazjent

Tagħrif għall-persuni li ġew preskritti tossina Botulinum ta' Tip B (NeuroBloc®) għal distonja ċervikali

# X'inhuma d-Distonja Ċervikali u t-Trattament b'NeuroBloc® li qed jingħatalek

Din il-Gwida qed tiġi pprovduta minn Eisai Europe Limited



Din il gwida tiddeskrivi xi wħud mill-fatti importanti dwar Neurobloc li inti għandek tkun konxju dwarhom, imma minkejja dan, ma tissostitwix il-parir li jingħatalek minn professjonist fil-qasam tal-kura tas-saħħa. Barra minn hekk aktar tagħrif importanti dwar Neurobloc li jinkludi twissijiet speċjali u effetti kollaterali huma inklużi fil-fuljett ta' tagħrif tal-pazjent li hu fornut f'kull pakkett ta' Neurobloc. Jekk jogħġbok ftakar biex tistaqsi għall-fuljett ta' tagħrif jekk inti ma rċevejtux u aqrah sew.

# Biex tifhem d-Distonja Ċervikali u NeuroBloc® – Kif tista' din il-Ġwida għall-Pazjent tkun ta' għajnuna għalik?

Din il-gwida tagħtik tagħrif dwar id-distonja ċervikali u NeuroBloc® (Tossina Botulinum ta' Tip B) sabiex tgħinek tifhem aħjar il-kundizzjoni u t-trattament li ġie preskritt lilek. Barra minn hekk, għandek taqra wkoll il-Fuljett ta' Tagħrif għall-Pazjent ta' Neurobloc®, li t-tabib tiegħek se jipprovdilek. Il-gwida tagħti ħarsa ġenerali lejn id-distonja ċervikali u lejn it-trattament tagħha, b'mod partikolari NeuroBloc®, u tispjega xi jfisser għalik li tgħix b'din il-kundizzjoni u tieħu din il-kura.

Huwa importanti għalik li tiġi stabbilita relazzjoni tajba mat-tobba u l-infermiera li se jagħtuk il-kura. Il-pazjenti kollha huma uniċi u se jirrispondu b'mod differenti għat-trattament; relazzjoni tajba se tgħinek tifhem x'għandek tistenna mill-kundizzjoni fil-futur.

Flimkien, għandkom tistabbilixxu miri realistiċi għat-trattament li t-tnejn li intom għandkom timpenjaw ruħkom għalihom, biex tkun tista' tibbenefika minnhom waqt li tkun qed tgħix u tlaħħaq mad-distonja ċervikali tiegħek.

Appoġġ ulterjuri: il-kuntatt ma' persuni oħra li jbatu minn distonja ċervikali jista' wkoll ikun ta' appoġġ, kemm jekk isir permezz tal-email jew tat-telefon, jew saħansitra billi tiltaqgħu. Il-Federazzjoni Ewropea dwar id-Distonja tista' tgħinek tikkuntattja pazjenti oħra li jbatu mid-distonja ċervikali  (www.dystonia-europe.org).

Jekk għandek aktar mistoqsijiet, jekk jogħġbok iddiskutihom mat-tabib jew l-infermiera tiegħek, jew żur is-sit elettroniku www.neurobloc.com li jinkludi wkoll taqsima b'tagħrif għall-pazjenti.

Nisperaw li din il-gwida ssibha utli.

# X'inhi d-distonja ċervikali?

Id-distonji huma disturbi newroloġiċi tal-moviment li jaffettwaw partijiet differenti tal-ġisem, u li jikkawżaw kontrazzjonijiet involontarji tal-muskoli. Distonja fokali tolqot biss parti waħda tal-ġisem.

Id-distonja ċervikali (imsejħa wkoll DĊ jew tortikollis spażmodika) hija d-distonja fokali l-aktar komuni. Din taffettwa eluf ta' nies kull sena, madwar 40,000 fir-Renju Unit waħdu, u prinċipalment taffettwa n-nervituri li jfornu 'l muskoli tal-għonq u/jew tal-ispalla, li jirriżulta fi brim u movimenti ripetittivi. Dan joħloq sitwazzjonijiet fejn il-muskoli jinżammu f'pożizzjonijiet mhux normali, li ġeneralment jikkawżaw uġigħ u li ġieli jistgħu anki jikkawżaw rogħda.

Jeżistu diversi tipi ta' distonja ċervikali, skont liema mill-muskoli jkunu involuti; it-tabib tiegħek se jkun jista' jgħinek tidentifika liema tip qed jaffettwak.

Tortikollis hija l-aktar forma komuni, li tikkawża brim kemm tar-ras kif ukoll tal-għonq. Din tista' tikkawża sitwazzjoni fejn it-tidwir tal-għonq iwassal biex l-ilħit jipponta lejn l-ispalla





Anterokollis twassal biex l-ilħit jiġġebbed 'l isfel lejn is-sider

Laterokollis twassal biex ir-ras tiġġebbed lejn naħa waħda u 'l isfel lejn l-ispalla





Retrokollis hija meta r-ras tinklina lura lejn ix-xewka tad-dahar

# Lil min taffettwa d-distonja ċervikali u kif se taffettwak?

Id-distonja ċervikali ġeneralment isseħħ f'persuni ta' età ta' aktar minn 40 sena u hija aktar komuni fin-nisa milli fl-irġiel. Is-sintomi jvarjaw minn ħfief għal qawwija, u ta' spiss huma assoċjati ma' uġigħ u/jew rogħda. Dawn jistgħu jibqgħu l-istess, jistgħu jmorru għall-agħar biż-żmien, jew jistgħu jkomplu jiżviluppaw għal ftit żmien sakemm imbagħad ma jsirux agħar. Madwar 20% tal-persuni jista' jkollhom perjodi qosra mingħajr sintomi, iżda fil-maġġoranza tal-każijiet dawn is-sintomi eventwalment jerġgħu jibdew jinħassu. Id-distonja ċervikali taffettwa lill-individwi b'mod differenti u mhuwiex possibbli li tkun taf kif se taffettwak meta ssirlek l-ewwel dijanjożi.

# X'sintomi tista' tistenna bid-distonja ċervikali?

Fil-bidu d-distonja ċervikali ġeneralment iseħħ b'mod gradwali u hija kkaratterizzata minn spażmi dejjem jikbru fil-muskoli tar-ras u/jew tal-għonq, li jwasslu għal pożizzjonijiet mhux normali tar-ras u tal-għonq. Barra minn hekk, tista' tħoss ukoll:

- Restrizzjoni tal-movimenti ta' rasek u t'għonqok, li tagħmilha diffiċli li tħares lura wara spalltek meta tkun qed issuq jew waqt attivitajiet oħra, u li toħloqlok diffikultajiet waqt li tkun qed twettaq azzjonijiet sempliċi bħal meta tilbes, jew tħares 'l isfel biex taqra ktieb jew skrin tal-kompjuter
- Is-sintomi jistgħu jmorru għall-agħar minħabba l-istress
- Is-sintomi ġeneralment imorru għall-aħjar wara li tirrilassa jew wara li torqod

*Tista' tbati minn xi wħud minn dawn jew minnhom kollha, iżda s-severità tvarja skont l-individwu.*

# X'inhuma l-fatturi li jikkawżaw id-distonja ċervikali?

Il-kawża ewlenija tad-distonja ċervikali għadha mhijiex magħrufa b'mod ċar. Ġeneralment il-moħħ jibgħat messaġġi kimiċi biex il-movimenti tal-muskoli jseħħu b'mod bilanċjat u kkontrollat; wieħed minn dawn il-messaġġiera kimiċi huwa l-acetylcholine. Huwa maħsub li d-distonja ċervikali tikkawża produzzjoni żejda ta' acetycholine, li twassal biex il-muskoli jistiraw ruħhom u jsiru aktar attivi. Xi pazjenti b'distonja ċervikali għandhom storja preċedenti ta' ġrieħi fir-ras jew fl-għonq, iżda għadu mhux ċar jekk dan huwiex marbut mad-distonja tagħhom, u għalhekk jenħtieġ li ssir aktar riċerka f'dan ir-rigward. X'aktarx li, bħal fil-każ ta' ħafna mard ieħor, fatturi ġenetiċi u ambjentali jaġixxu flimkien biex jikkawżaw din il-kundizzjoni.

## *Kawżi possibbli ta' distonja ċervikali*



# Kif tiġi dijanjostikata d-distonja ċervikali?

Is-sintomi tad-distonja ċervikali jistgħu ma jkunux speċifiċi u jistgħu jiġu u jmorru tul xhur jew anki snin. Dan joħloq diffikultajiet għat-twettiq tad-dijanjożi, eż. tidwir mhux volontarju tar-ras, kull tant żmien biss. Madankollu, id-dijanjożi, meta fl-aħħar issir mit-tabib tal-familja jew min-newrologu tiegħek, ġeneralment tkun ibbażata fuq xi wħud jew fuq dawn il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

### *Is-sintomi tiegħek – dawn jistgħu jinkludu:*

- problemi fl-għonq/uġigħ fl-ispallejn +/- rogħda
- movimenti mhux normali tar-ras u/jew tal-għonq
- diffikultajiet fit-twettiq tal-attivitajiet tiegħek ta' kuljum

### *Riżultati mill-eżamijiet – dawn jinkludu:*

- ħxuna evidenti ta' xi wħud jew tal-muskoli kollha u xi movimenti ristretti
- pożizzjonijiet mhux normali tar-ras/tal-għonq +/- rogħda

*Ma jeżisti l-ebda test speċifiku biex jikkonferma din id-dijanjożi; testijiet tal-laboratorju u imaging scans ġeneralment jidhru normali, u għalhekk ma jgħinux biex tiġi dijanjostikata d-distonja ċervikali.*

# Kif se taffettwali ħajti d-distonja ċervikali?

Din il-kundizzjoni taffettwa lill-individwi b'mod differenti u tvarja fil-livelli ta' qawwa tagħha, u għalhekk mhuwiex possibbli li wieħed ikun jaf x'tistgħu tistennew int jew it-tabib tiegħek meta ssir id-dijanjożi. Huwa biss biż-żmien li tista' ssir taf kif taffettwak din il-kundizzjoni. Għandek tkun konxju mill-fatt li li xi attivitajiet li twettaq bħala parti mir-rutina tiegħek ta' kuljum se jsiru aktar diffiċli, eż. is-sewqan u l-kitba. Kif diġà ntqal, dan jiddependi fuq kif se tiżviluppa l-kundizzjoni tiegħek kif ukoll mir-rispons tiegħek għat-trattament. Jekk għandek diffikultà biex twettaq xi attivitajiet ta' kuljum, il-fiżjoterapija u terapiji komplementari oħra jistgħu jgħinuk biex tikseb rilassament u biex ittaffi s-sintomi. Kif diġà ntqal, huwa importanti li taħdem mill-qrib mat-tabib tiegħek sabiex tiżgura li jingħatalek l-aħjar appoġġ sabiex inti tkun tista' tlaħħaq mal-kundizzjoni tiegħek.

# Teżisti kura għad-distonja ċervikali?

Filwaqt li ma hemm l-ebda kura magħrufa, is-sintomi tad-distonja ċervikali jistgħu jiġu kkontrollati permezz ta' mediċini li jittieħdu mill-ħalq, terapiji komplementari u/jew terapija ta' injezzjoni bit-tossina botulinum.

*N.B. Xi individwi b'distonja ċervikali rrappurtaw li jistgħu jsibu ċertu pożizzjonijiet jew 'tekniki sensorjali' li jistgħu jgħinu biex jittaffew is-sintomi tagħhom, eż. korrezzjoni temporanja tal-pożizzjoni tar-ras billi tmiss wiċċek, għonqok jew rasek b'idejk jew b'oġġett, bħal pereżempju lapes jew nuċċali.*

# Kif tista' tiġi kkurata d-distonja ċervikali?

It-trattamenti huma mmirati biex inaqqsu s-sintomi tiegħek sabiex jgħinuk tgħix ħajja kemm jista' jkun normali. B'mod ġenerali hemm diversi modi ta' kif wieħed jista' jikkura: mediċini li jittieħdu mill-ħalq, terapija komplementari, terapija bit-tossini u interventi kirurġiċi. It-tabib tiegħek se jiddiskuti dawn miegħek, u se jagħtik pariri dwar liema minnhom huma adattati għalik.



## *Mediċini li jittieħdu mill-ħalq:*

- Dawn jinkludu mediċini bħal antikolinerġiċi, eż. trihexyphenidyl, benzodiazepines bħal diazepam, u GABA-agonists bħal baclofen



## *Kura komplementari (mhux medika) - utli fi kwalunkwe żmien:*

- Il-fiżjoterapija tista' tgħin biex ittejjeb il-qagħda, u tista' tgħinek iżżid il-firxa tal-movimenti billi taħdem fuq diversi gruppi ta' muskoli
- It-terapija ta' appoġġ u l-counselling jistgħu wkoll ikunu ta' benefiċċju, biex jgħinuk jekk tħoss sentimenti marbuta ma' nuqqas ta' fiduċja fik innifsek, depressjoni u iżolament soċjali, li huma sentimenti komuni għal min ibati mid-distonja ċervikali



## *Terapija bit-tossina botulinum:*

L-injezzjonijiet tat-tossina botulinum huma trattament li jintuża ħafna għad-distonja ċervikali, u wieħed li jista' jtejjeb is-sintomi tal-pazjenti.

*X'inhuma tossini botulinum?*

Tossini botulinum huma proteini prodotti b'mod naturali mill-batterju Clostridium botulinum. Dożi żgħar ħafna ta' tossini botulinum jiġu injettati ġol-muskoli attivi żżejjed sabiex jgħinu biex jirrilassawhom u biex jipprovdu trattament li huwa ttollerat sew. F'ħafna każijiet, meta jintuża taħt superviżjoni medika attenta, dan it-trattament huwa wieħed effettiv għad-distonja ċervikali.

*It-tossini botulinum kollha għandhom l-istess effett?*

Hemm diversi tipi ta' tossini botulinum li huma approvati għal użu f'distonja ċervikali, kull wieħed b'għamla kemmxejn differenti. Kull wieħed minnhom jaġixxi b'mod differenti, għalkemm kollha jipproduċu effetti simili fin-nervituri u l-muskoli. It-tabib tiegħek se jagħżillek l-aktar tip adattat għalik.



## *Interventi kirurġiċi:*

- Dan għandhom jiġu kkunsidrati biss meta l-pazjenti ma jibqgħux jirrispondu aktar għal trattamenti oħra. Madankollu, dawn mhumiex adattati għall-pazjenti kollha u ġeneralment jitqiesu bħala l-aħħar rimedju.

# Terapija bil-botulinum b'NeuroBloc®

## X'inhu NeuroBloc®?

NeuroBloc® huwa formulazzjoni purifikata tat-tossina Botulinum ta' Tip B, prodotta minn batterji *Clostridium botulinum*. It-tossini botulinum huma l-aktar trattament użat għad-distonja ċervikali u ssemmew ftit qabel.

NeuroBloc® huwa tossina Botulinum ta' Tip B u huwa kkummerċjalizzat fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea minn Eisai.

## Kif jaħdem NeuroBloc®?




Meta jiġi injettat direttament fil-muskolu, NeuroBloc®, bħat-tossini botulinum l-oħra, jattiva proteina li normalment tikkawża r-rilaxx ta' acetylcholine, messaġġier kimiku involut fil-kontrazzjoni tal-muskoli. Billi jipprevjeni r-rilaxx ta' acetylcholine, NeuroBloc® jista' jnaqqas jew jevita l-kontrazzjonijiet u l-ispażmi tal-muskoli. B'hekk il-muskoli jirrilassaw, u s-sintomi tiegħek jittaffew.

# NeuroBloc® huwa adattat għalija?

## *Inti m'għandekx tirċievi kura b'NeuroBloc® jekk xi wieħed minn dawn li ġejjin japplika għalik:*

- għandek allerġija għal xi sustanza li tinsab f'din il-mediċina
- jekk tbati minn xi marda tan-nervituri jew tal-muskoli, speċjalment waħda li tikkawża dgħufija tal-muskoli
- jekk inti tqila jew qed tredda'

## *Oqgħod attent ħafna b'NeuroBloc® u għarraf lit-tabib tiegħek:*

- jekk tbati minn disturb ta' emorraġija bħall-emofilja jew jekk qed tirċievi mediċina bħal warfarin, biex twaqqaf id-demm tiegħek milli jagħqad
- jekk għandek problemi fil-pulmun
- jekk għandek xi diffikultà biex tibla' qabel jew wara l-injezzjoni tiegħek ta' NeuroBloc®. Rarament, problemi kbar biex wieħed jibla' jistgħu jwasslu biex tniżżel ikel jew likwidu fil-pulmun man-nifs – dan jista' jikkawża l-pnewmonja, li tista' twassal għall-mewt.

Jekk xi wieħed minn dawn japplika għalik, jekk jogħġbok għarraf lit-tabib tiegħek.

*NeuroBloc® mhuwiex approvat biex jintuża fit-tfal.*
*Normalment m'għandekx tingħata Neurobloc® jekk tkun għadek ma' għalaqtx 18-il sena.*

## *Meta tieħu mediċini oħra*

Jekk jogħġbok għarraf lit-tabib tiegħek jekk qed tieħu antibijotiċi għal xi infezzjoni. Jekk se tagħmel operazzjoni, jekk jogħġbok għid lit-tabib tiegħek jekk tkun ingħatajt NeuroBloc®, peress li jista' jinterferixxi ma' mediċini li jistgħu jingħatawlek qabel ma' tingħata anestetiku ġenerali.

Għandek ukoll tgħarraf lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qed tieħu, jew jekk dan l-aħħar tkun ħadt xi mediċini oħra, anki dawk mingħajr riċetta.

# Kif se jingħatalek NeuroBloc®?

NeuroBloc® huwa soluzzjoni mħallta lesta li tingħatalek mit-tabib jew mill-infermier tiegħek billi tintuża labra żgħira direttament fil-muskoli affettwati mid-distonja ċervikali. It-tabib tiegħek jiddeċiedi l-ammont ta' NeuroBloc® li għandu jingħatalek. Id-doża normalment tkun ta' 10,000 unità iżda tista' tkun ogħla jew aktar baxxa, skont id-deċiżjoni tat-tabib tiegħek u r-rispons tiegħek għal kull injezzjoni ta' NeuroBloc® li tkun ingħatajt qabel. Muskoli żgħar jistgħu jeħtieġu 1-2 siti ta' injezzjoni għal kull muskolu, filwaqt li dawk ta' daqs akbar jistgħu jeħtieġu minn 3 sa 4 biex jiġi żgurat li t-tossina botulinum tilħaq il-partijiet kollha tal-muskolu kif meħtieġ. It-tabib tiegħek jista' juża tagħmir EMG (electromyogram) jew apparat ieħor li jgħinu biex jimmira għall-aħjar post għall-injezzjoni. L-għoti ta' aktar dożi jiddependi fuq ir-rispons tal-muskoli li jkunu qed jiġu ttrattati.

# X'tista' tistenna wara injezzjoni NeuroBloc®, u t-trattament kull kemm se jkollok bżonnu?

Xi nies ħassew xi tingiż jew uġigħ ħafif fis-sit tal-injezzjoni; dan għandu jkun biss temporanju. Kwalunkwe benefiċċju li jiġi mill-injezzjoni u t-titjib fis-sintomi se jiġi nnutat fi żmien 7 ijiem–14-il jum u jista' jdum għal bejn 12 sa 16-il ġimgħa, ta' spiss saż-żmien meta jkun imiss l-injezzjoni ta' wara. Madankollu, kull pazjent huwa uniku u għal xi wħud, għandu mnejn ikun meħtieġ li jittieħdu diversi injezzjonijiet sabiex jinkiseb l-aqwa benefiċċju. M'għandekx taqta' qalbek jekk ma tħossx titjib notevoli minnufih - it-tabib tiegħek se jaħdem miegħek sabiex jipprova jikseb l-aħjar riżultati għalik.

# Se tħoss xi effetti sekondarji jew reazzjonijiet avversi b'NeuroBloc®?

Bħal kull mediċina oħra, NeuroBloc® jista' jkollu effetti sekondarji, għalkemm mhux kulħadd iħosshom. L-effetti sekondarji ta' NeuroBloc® ġeneralment huma ħfief jew moderati, temporanji, li jissolvew weħidhom, u li huma aktar komuni b'dożi ogħla.

L-effetti jistgħu jidhru f'partijiet li mhumiex l-istess fejn tkun ingħatatlek l-injezzjoni u jistgħu jseħħu kemm jiem kif ukoll ġimgħat wara l-injezzjoni. Tista' forsi tinnota li ħalqek jinħass xott u/jew li jsir diffiċli li tibla'. Tista' wkoll tħoss qtugħ ta' nifs. F'każijiet rari, id-diffikultà biex tibla' taf tkun kbira, u jkun anki possibbli li wieħed jifga. Jekk jiżviluppawlek problemi ġodda biex tibla', jekk il-problema ssir aktar gravi, jekk ġieli tħossok qed tifga, jew ikollok diffikultà biex tieħu n-nifs, fittex għajnuna medika minnufih.

Wara l-injezzjoni tista' tinduna wkoll b'wieħed jew aktar mill-effetti li ġejjin:

***Effetti komuni ħafna li ġew irrappurtati*** (li jistgħu jseħħu f'aktar minn pazjent 1 minn 10)

- ħalq xott
- diffikultà biex tibla'
- uġigħ ta' ras

***Effetti komuni oħra li ġew irrappurtati*** (li jistgħu jseħħu f'inqas minn minn pazjent 1 minn 10)

- dgħufija, uġigħ jew ebusija fil-muskoli f'partijiet differenti ta' ġismek
- uġigħ fl-għonq
- indiġestjoni
- bidliet fil-togħma tal-ikel u x-xorb
- bidliet fil-ħoss tal-vuċi tiegħek
- vista mċajpra
- dendil ta' tebqet il-għajn
- remettar
- stitikezza
- sintomi bħal tal-influwenza
- nuqqas ta' saħħa jew ta' enerġija

Huwa wkoll possibbli li t-tortikollis (tidwir tar-ras li ma jistax jiġi kkontrollat) isir agħar wara li tieħu l-injezzjoni.

Jekk kwalunkwe wieħed mill-effetti sekondarji jsir agħar jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li mhumiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

N.B. It-tabib tiegħek għandu jkun jaf dwar kwalunkwe trattament preċedenti li tkun ħadt għad-distonja ċervikali, kif ukoll dwar kwalunkwe mediċina oħra li qed tieħu.

*Għal-lista kompluta ta' effetti sekondarji li ġew irrappurtati b'NeuroBloc® u t-twissijiet u l-prekawzjonijiet marbuta mal-użu tiegħu, jekk jogħġbok staqsi lit-tabib tiegħek għall-fuljett ta' tagħrif li jkun mehmuż mal-mediċina.*

## Importanti

Wara l-kura b'NeuroBloc®, għandek tfittex l-attenzjoni medika minnufih jekk tħoss diffikultajiet respiratorji, jekk ġieli tħossok qed tifga jew jekk ikollok problemi ġodda biex tibla', jew jekk dawn il-problemi jsiru aktar gravi.

# Kif se jissokta t-trattament tiegħek b'NeuroBloc®?

Peress li kull pazjent huwa differenti, it-tabib tiegħek se jaħdem miegħek tul perjodu ta' żmien sabiex ikun jista' jaġġusta d-doża ta' NeuroBloc® u jiżgura li inti tirċievi l-akbar ammont ta' serħan possibbli mis-sintomi tad-distonja ċervikali, filwaqt li l-effetti sekondarji jinżammu fl-aktar livell baxx possibbli.

## Għanijiet tat-Trattament

Bħala parti mit-terapija tat-tossini li se tingħatalek, huwa importanti li tiddiskuti l-għanijiet tat-trattament mat-tabib tiegħek sabiex it-trattament ikun jista' jiġi mfassal skont il-ħtiġijiet individwali tiegħek, eż. l-istil ta' ħajja ta' kuljum li tixtieq tgħix, safejn tippermettilek il-kundizzjoni tiegħek.

## Appoġġ addizzjonali

Bħal fil-każ ta' kwalunkwe kundizzjoni medika oħra, l-aħjar persuni biex tiddiskuti problemi jew kwistjonijiet magħhom huma t-tobba u l-infermiera li qed jikkurawk. Tista' ssib ukoll aktar appoġġ u informazzjoni mingħand dawn li ġejjin:

## IL-FEDERAZZJONI EWROPEA DWAR ID-DISTONJA (FED)

L-FED tipprovdi informazzjoni u appoġġ lil persuni li jbatu mit-tipi kollha ta' distonja, u tista' toffri, kemm lilek kif ukoll lill-familja tiegħek, mezzi prattiċi biex tiffaċċja l-kundizzjoni tiegħek bl-aqwa mod possibbli. Il-FED għandha fi ħdanha għadd ta' soċjetajiet membri minn pajjiżi differenti, li inti tista' tikkuntattja biex ipoġġuk f'kuntatt ma' oħrajn li jbatu minn din il-kundizzjoni.

Jekk jogħġbok żur is-sit elettroniku: www.dystonia-europe.org.

Eisai

Tel: +44 (0) 845 676 1400
email: Lmedinfo@eisai.net
www.eisai.co.uk

Under licence from
SOLSTICE NEUROSCIENCES

Neuro-EU2044h October 2011
Neuro-UK2161